IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

PJAN TA' AZZJONI TAL-UE DWAR ID-DROGI 2017-2020

(2017/C 215/02)

WERREJ

Introduzzjoni

1. Tnaqqis fid-domanda għad-drogi
2. Tnaqqis fil-provvista
3. Koordinazzjoni
4. Kooperazzjoni internazzjonali
5. Informazzjoni, riċerka, monitoraġġ u evalwazzjoni

Anness I – 15 indikaturi ġenerali għall-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2017-2020

Anness II – Glossarju ta' akronimi

Introduzzjoni

L-użu tad-drogi illeċiti u l-użu ħażin tad-drogi b'mod ġenerali, huwa problema ewlenija għal individwi, familji u komunitajiet fl-Ewropa kollha. Minbarra l-implikazzjonijiet għas-saħħa u soċjali tal-użu ħażin tad-drogi, is-suq tad-drogi illeċiti huwa element ewlieni ta' attività kriminali fis-soċjetà Ewropea kollha u, tabilħaqq, fil-livell dinji.

F'Diċembru 2012, il-Kunsill adotta l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi għall-2013-2020. L-Istrateġija għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-domanda għad-drogi u fil-provvista tad-drogi fl-UE. Għandha l-għan ukoll li tnaqqas ir-riskji u d-danni għas-saħħa u soċjali kkawżati mid-drogi permezz ta' approċċ strateġiku li jappoġġa u jikkomplementa l-politiki nazzjonali, li jipprovdi qafas għal azzjonijiet koordinati u konġunti u li jsawwar il-bażi u l-qafas politiku għall-kooperazzjoni esterna tal-UE f'dan il-qasam. Dan ser jinkiseb permezz ta' approċċ integrat, ibbilanċjat u bbażat fuq l-evidenza.

L-objettivi tal-Istrateġija huma:

— li tikkontribwixxi għal tnaqqis li jista' jitkejjel tad-domanda għad-drogi, tad-dipendenza fuq id-drogi u tar-riskji u d-danni għas-saħħa u soċjali marbuta mad-drogi;

— li tikkontribwixxi għat-tfixkil tas-suq tad-drogi illeċiti u għal tnaqqis li jista' jitkejjel tad-disponibbiltà tad-drogi illeċiti;

— li tinkoraġġixxi koordinazzjoni permezz ta' diskors attiv u analiżi tal-iżviluppi u l-isfidi fil-qasam tad-drogi fil-livell tal-UE u dak internazzjonali;

— li tkompli ssaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet u fora internazzjonali dwar kwistjonijiet ta' drogi;

— li tikkontribwixxi għal disseminazzjoni aħjar tar-riżultati tal-monitoraġġ, ir-riċerka u l-evalwazzjoni u fehim aħjar tal-aspetti kollha tal-fenomenu tad-drogi u l-impatt tal-interventi sabiex tingħata bażi soda u komprensiva msejsa fuq l-evidenza għall-politiki u l-azzjonijiet.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi, bħall-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi, hu bbażat fuq il-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-UE u jħares il-valuri li hija mibnija fuqhom l-Unjoni - ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Huwa bbażat ukoll fuq il-Konvenzjonijiet tan-NU li jipprovdu l-qafas legali internazzjonali biex jiġi indirizzat, fost oħrajn, l-użu tad-drogi illeċiti, kif ukoll fuq id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Pjan jippreżenta l-Azzjonijiet li ser jiġu implimentati biex jinkisbu l-objettivi tal-Istrateġija. L-Azzjonijiet huma mqassma taħt iż-żewġ oqsma ta' politika tal-Istrateġija:

— Tnaqqis fid-Domanda għad-Drogi; u

— Tnaqqis fil-Provvista tad-Drogi;

u t-tliet temi trasversali tal-Istrateġija:

— Koordinazzjoni;

— Kooperazzjoni Internazzjonali; u

— Informazzjoni, Riċerka, Monitoraġġ u Evalwazzjoni.

L-azzjonijiet huma allinjati mal-objettivi tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2013-2020. Meta tfasslu l-azzjonijiet, tqieset il-ħtieġa li jkunu bbażati fuq l-evidenza, xjentifikament korretti, realistiċi, marbuta biż-żmien, disponibbli u li jistgħu jitkejlu b'rilevanza u valur miżjud ċar għall-UE. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jindika l-iskedi taż-żmien, il-partijiet responsabbli, l-indikaturi u l-mekkaniżmi ta' ġbir/valutazzjoni tad-data.

Abbażi tal-mekkaniżmi eżistenti ta' rapportar, fl-Anness 1 hemm imniżżel għadd ta' indikaturi ġenerali. Dawn jiffaċilitaw il-kejl tal-effikaċja ġenerali ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi u ma jinvolvux piż addizzjonali ta' rapportar. Għadd minn dawn huma rreferenzjati, kif meħtieġ, tul il-Pjan. Barra minn hekk, fil-Pjan kollu, hemm indikaturi li jibbażaw fuq sorsi ta' programmi, ta' evalwazzjoni u sorsi oħra ta' data. L-użu ta' dawn l-indikaturi jiddependi mill-proċessi ta' ġbir ta' data f'kull Stat Membru jew fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-UE.

F'konformità ma' dak stipulat fl-Istrateġija li l-implimentazzjoni dettaljata tagħha għandha tkun imqassma f'żewġ Pjanijiet ta' Azzjoni konsekuttivi, bl-ewwel Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-istrateġija attwali dwar id-drogi jkun adottat fl-2013 u skada fl-2016. Fl-2016, tlestew il-valutazzjoni esterna ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2013-2016. L-evalwazzjoni kkonkludiet li ħafna millazzjonijiet previsti f'dan il-Pjan ta' Azzjoni ġew konklużi jew kienu għadhom għaddejjin. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni wrew ukoll il-bżonn tat-tieni Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2013-2020, li għandu jkun il-verżjoni aġġornata tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2013-2016. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2017-2020 kif previst hawn taħt jieħu kont tar-riżultati ta' din l-evalwazzjoni u tal-bidliet ewlenin fis-sitwazzjoni tad-drogi u l-politiki dwar id-drogi mill-adozzjoni tal-aħħar Pjan ta' Azzjoni ,l hawn.

1. **Tnaqqis fid-domanda għad-drogi**

Kontribut għal tnaqqis li jista' jitkejjel fl-użu tad-drogi illeċiti, fl-użu problematiku tad-drogi, fid-dipendenza fuq id-drogi u fid-danni soċjali u għas-saħħa marbuta mad-drogi kif ukoll kontribut għal dewmien fil-bidu tal-użu tad-drogi

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
1. Prevenzjoni tal-użu tad-drogi u, it-tieni, dewmien fil-bidu tal-użu tad-drogi	1. Jitjiebu d-disponibbiltà u l-effikaċja ta' miżuri ta' prevenzjoni bbażati fuq l-evidenza ([1]) li jqisu l-fatturi ta' riskju u protettivi kif deskritt hawn taħt	Għaddejja bħalissa	Stati Membri	— L-indikaturi ġenerali 1, 11, 12	Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox
	a. fatturi tal-popolazzjoni bħall-età; is-sess; fatturi edukattivi, kulturali u soċjali;			— Id-disponibbiltà u l-livell ta' provvediment f'livell ta' Stati Membri ta' miżuri ta' prevenzjoni universali u ambjentali bbażati fuq l-evidenza	Rapportar mill-Istati Membri dwar ir-riżultati tal-miżuri
	b. atturi ta' sitwazzjoni bħal min m'għandux fejn jgħix; il-migrazzjoni u t-tfittxija għall-ażil, użu ta' drogi f'ambjenti ta' divertiment u divertiment billejl; il-post tax-xogħol; u sewqan taħt l-influwenza tad-drogi; u			— Id-disponibbiltà u l-livell ta' provvediment f'livell ta' Stati Membri ta' miżuri ta' prevenzjoni mmirati bbażati fuq l-evidenza, inkluż miżuri abbażi ta' familja u ta' komunità	
	c. fatturi individwali bħas-saħħa mentali; imġiba u żvilupp psikosoċjali; u fatturi oħra magħrufin li jaffettwaw il-vulnerabbiltà individwali għall-użu tad-drogi bħal influwenzi ġenetiċi u ċirkostanzi familjari			— Id-disponibbiltà u l-livell ta' provvediment f'livell ta' Stati Membri ta' miżuri ta' prevenzjoni indikati bbażati fuq l-evidenza	

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	2. Minbarra l-prevenzjoni tal-użu tad-drogi, jissaħħu u jkunu mmirati aħjar miżuri ta' prevenzjoni u diversivi biex tid-dewwem l-età tal-ewwel użu ta' drogi illeċiti u sustanzi psikoattivi oħra	Għaddejja bħalissa	Stati Membri	— L-indikaturi ġenerali 1, 5, 11, 12 — Id-disponibbiltà u l-livell ta' provvedi-ment f'livell ta' Stati Membri ta' miżuri ta' prevenzjoni u diversivi bbażati fuq l-evidenza li jiffokaw fuq żgħażagħ f'ambjenti ta' familja, komunità u edukazzjoni formali/nonformali	Rapportar tal-EMCDDA Rapportar mill-Istati Membri dwar ir-riżultati tal-miżuri
	3. L-iskambju tal-forom kollha tal-azzjonijiet ta' prevenzjoni mmirati lejn it-tfal u ż-żgħażagħ, il-ġenituri u l-ambjenti edukattivi filwaqt li jittieħed kont ukoll tal-ħtiġijiet speċifiċi għas-sessi, inkluż attivitajiet edukattivi, programmi bbażati fuq il-komunità, programmi li jużaw l-Internet u l-media soċjali.	Għaddejja bħalissa	Stati Membri EMCDDA	— Ħarsa ġenerali lejn l-iskambji tal-aħjar prattika bejn l-Istati Membri — Evalwazzjonijiet pożittivi ta' eżiti kom-portamentali ta' interventi tal-aħjar prattiki (meta disponibbli)	Il-portal tal-Aħjar Prat-tika tal-EMCDDA Rapportar tal-COM Rapportar tal-Istati Membri Rapportar tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi
	4. Titqajjem kuxjenza dwar ir-riskji u l-konsegwenzi marbuta mal-użu ta' drogi u sustanzi oħra psikoattivi illeċiti u jitjiebu l-ħiliet u l-kompetenzi għall-pre-venzjoni tal-użu tad-drogi.	Għaddejja bħalissa	Stati Membri COM EMCDDA	— L-indikaturi ġenerali 5, 12 — Il-livell ta' kuxjenza b'mod ġenerali u fost iż-żgħażagħ dwar stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u dwar ir-riskji u l-konsegwenzi tal-użu ta' drogi u sustanzi psikoattivi illeċiti oħra u l-livell tal-ħiliet u l-kompetenzi ta' dawk involuti fil-prevenzjoni tal-użu tad-drogi	Rapportar tal-EMCDDA Sħarriġ tal-Ewrobarometru ESPAD HBSC/WHO Ewropa

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	5. Isir possibbli li jkun hemm rispons aktar informat għall-isfida tal-użu ħażin tal-mediċini psikoattivi.	2017-2020	Stati Membri Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD dwar il-Farmaċewtiċi u l-Apparat għal Użu Mediku) EMA EMCDDA	— Għadd ta' inizjattivi li jikkonċentraw fuq il-promozzjoni tal-użu adatt tal-mediċini psikoattivi — Il-ġbir ta' evidenza u eżempji internazzjonali dwar kif jitnaqqsu r-riskji ta' devjazzjoni u użu ħażin tal-mediċini psikoattivi — Għadd ta' korsijiet għall-prattikanti mediċi u professjonisti oħrajn tal-kura tas-saħħa fl-użu ta' mediċini għall-kontroll tal-uġigħ u t-trattament tat-tbatija	Rapportar tal-Istati Membri Rapportar tal-EMCDDA EMA
2. Titjieb l-effikaċja tat-trattament u r-riabilitazzjoni b'rabta mad-drogi, inklużi s-servizzi għannies b'komorbożità, biex jonqos l-użu tad-drogi illeċiti; l-użu problematiku tad-drogi; l-inċidenza tad-dipendenza fuq id-drogi u r-riskji u d-danni soċjali u ta' saħħa marbuta mad-drogi u appoġġ għall-irkupru u ri/integrazzjoni soċjali ta' konsumaturi tad-drogi problematiċi u dipendenti.	6. Żvilupp u espansjoni tad-diversità, disponibbiltà, kopertura u aċċessibbiltà ta' servizzi ta' trattament komprensivi u integrati bbażati fuq l-evidenza. L-iżgurar li dawn is-servizzi jindirizzaw l-użu polidroga (użu mħallat ta' sustanzi illeċiti u leċiti inkluż il-mediċini psikoattivi, l-alkoħol u t-tabakk) u l-ħtiġijiet emerġenti tal-popolazzjoni anzjana li tagħmel użu mid-droga u kwistjonijiet speċifiċi għassessi. a. Implimentazzjoni u titjib tat-taħriġ dwar imġiba dipendenti għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali.	Għaddejja bħalissa	Stati Membri	— L-indikaturi ġenerali 1, 6, 11 — Il-firxa u d-diversità ta' servizzi ta' trattament komprensivi u integrati bbażati fuq l-evidenza fil-livell tal-Istati Membri jinkludu dawk li jindirizzaw l-użu polidroga u l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni anzjana li tagħmel użu mid-droga — Data mill-Istati Membri dwar iż-żamma għal trattament u r-riżultati tiegħu	Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' Rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox Portal tal-Aħjar Prattika tal-EMCDDA Evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi u tal-Pjan ta' Azzjoni finali Rapportar tal-Istati Membri

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	b. Żvilupp u implimentazzjoni ta' kxif u intervent bikrija, programmi qosra ta' intervent u trattament għat-tfal u ż-żgħażagħ li jużaw id-drogi.				
	7. Espansjoni tal-provvediment ta' servizzi ta' riabilitazzjoni/riintegrazzjoni u rkupru b'enfasi fuq servizzi li: a. jiffokaw fuq l-għoti ta' kura kontinwa għall-individwi permezz tal-ġestjoni tal-każijiet u l-kollaborazzjoni bejn l-aġenziji għall-individwi; b. iffokar fuq l-appoġġ għar-ri/integrazzjoni soċjali (inkluż l-impjegabbiltà u l-akkomodazzjoni) tal-konsumaturi tad-drogi problematiċi u dipendenti inklużi ħabsin u persuni anzjani li jużaw id-droga, fejn ikun rilevanti; c. Jissaħħaħ il-proċess dijanjostiku u t-trattament ta' komorbożità psikjatrika u fiżika li tinvolvi l-użu tad-drogi, pereżempju b'ittestjar veloċi għall-epatite B u Ċ u l-HIV kif ukoll infezzjonijiet oħra trażmessi sesswalment u t-tuberkuloż; d. jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi għas-sessi; u e. isir kuntatt mal-komunitajiet/ popolazzjonijiet vulnerabbli.	Għaddejja bħalissa	Stati Membri	— L-indikatur ġenerali 11 Data tal-Istati Membri dwar: — Il-livell ta' żieda f'servizzi ta' riabilitazzjoni/riintegrazzjoni u rkupru li jadottaw approċċi ta' ġestjoni tal-każ u bejn l-aġenziji — Il-livell ta' żieda fin-numru ta' programmi ta' riabilitazzjoni/riintegrazzjoni u rkupru speċifiċi għas-sessi — Il-livell ta' żieda fl-għadd ta' programmi ta' kura komunitarja u tal-ħabs, speċifikament immirati għall-konsumaturi tad-drogi b'komorbożità, li jinvolvu sħubijiet bejn servizzi tas-saħħa mentali u ta' riabilitazzjoni/riintegrazzjoni u rkupru b'rabta mad-drogi — Il-livell u d-dewmien ta' astinenza mill-konsum ta' drogi illeċiti u/jew leċiti min-nies li jtemmu t-trattament b'rabta mad-drogi — Id-disponibbiltà ta' opzjonijiet ta' trattament li jissodisfaw il-bżonnijiet ta' min jirkadi għall-konsum tad-drogi u tal-persuni anzjani li jużaw id-droga	Rapportar tal-EMCDDA Rapportar tal-Istati Membri fuq ir-riżultati tas-servizzi

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	8. a. Jiżdiedu fejn applikabbli d-disponibbiltà, il-kopertura u l-aċċess għas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju u tad-danni, pereżempju programmi ta' skambju tal-labar u s-siringi, terapija ta' sostituzzjoni bl-opjojde, programmi ta' ġestjoni ta' doża eċċessiva tal-opjojde, biex jitnaqqsu l-konsegwenzi negattivi tal-użu tad-drogi u jiġi prevenut u jonqos sostanzjalment l-għadd tal-imwiet b'rabta diretta jew indiretta mad-drogi u l-mard infettiv li jinġarr fid-demm assoċjat mal-konsum tad-drogi iżda mhux limitati biss għall-HIV u l-epatite virali, kif ukoll il-mard li jittieħed mis-sess u t-tuberkuloża skont ir-rakkomandazzjoni tal-WHO dwar il-pakkett komprensiv ta' servizzi tas-saħħa għall-persuni li jinjettaw id-drogi b. Prevenzjoni aħjar tal-imwiet b'rabta mad-drogi skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali pereżempju fil-każ tal-opjati, bl-għoti ta' aċċess għall-forom awtorizzati ta' dożaġġ farmaċewtiku ta' prodotti mediċinali li fihom in-naloxonum speċifikament iċċertifikat biex jiġu ttrattati s-sintomi ta' doża eċċessiva ta' opjojde minn persuni mhux esperti li jkunu mħarrġa fin-nuqqas ta' professjonisti mediċi	Għaddejja bħalissa	Stati Membri EMCDDA COM	— L-indikaturi ġenerali 2, 3, 4, 11 — Firxa tad-disponibbiltà miżjuda ta' u l-aċċess għal miżuri ta' tnaqqis tar-riskju u d-danni bbażati fuq il-provi fl-Istati Membri fejn applikabbli — Ħarsa ġenerali lejn l-iskambji tal-aħjar prattiki dwar il-miżuri ta' tnaqqis tar-riskju u d-danni — In-numru ta' Stati Membri li jissodisfaw ir-rakkomandazzjoni tad-WHO dwar il-pakkett komprensiv tas-servizzi tas-saħħa għan-nies li jinjettaw id-drogi: — Programmi dwar labar/siringi — Trattament ta' sostituzzjoni tal-opjojde — Ittestjar għall-HIV u konsulenza dwarha — Trattament u kura tal-HIV — Programmi dwar il-kondoms — Interventi rigward l-imġiba — Prevenzjoni u ġestjoni tal-epatite, it-tuberkuloża u s-saħħa mentali — Interventi dwar is-saħħa sesswali riproduttiva — Taħriġ fin-naloxonum għall-persuni mhux esperti bħala prerekwiżit insostitwibbli għal programmi siguri li jsiru d-dar	Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox Rapportar tal-Istati Membri Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar l-HIV/AIDS, l-Epatite Virali u t-Tuberkoloża

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	c. Jiġu identifikati u megħluba l-ostakoli fl-identifikazzjoni u l-aċċess għall-kura għall-HIV u l-epatite Ċ fost il-persuni li jinjettaw id-drogi, inklużi l-priġunieri u gruppi vulnerabbli oħrajn d. L-iskambju ta' informazzjoni u fejn applikabbli l-aħjar prassi dwar il-miżuri tat-tnaqqis tar-riskju u d-danni, bħal programmi ta' skambju tal-labar u s-siringi, trattament ta' sostituzzjoni tal-opjojde, kmamar għall-konsum tad-drogi, programmi ta' naloxonum, interventi bejn il-pari, id-diffużjoni ta' programmi ta' kura, trattament għall-epatite Ċ, ittestjar tal-pilloli, awtottestjar għall-HIV/AIDS, skont il-leġislazzjoni nazzjonali			— Kopertura tal-programmi ta' trattament ta' sostituzzjoni tal-opjojde fost il-persuni dipendenti fuq l-opjojde — Il-punt sa fejn ikunu disponibbli, fejn applikabbli, is-servizzi għat-tnaqqis tal-ħsara bħal programmi tan-naloxonum, miżuri u programmi għat-tnaqqis tad-danni fid-divertiment ta' billejl li jimmiraw lill-komunitajiet/popolazzjonijiet vulnerabbli — In-numru ta' programmi li jiffaċilitaw l-aċċess tal-persuni li jinjettaw id-drogi għall-kura għall-virus tal-epatite C (HCV) u l-persuni koperti — Il-grad ta' implimentazzjoni tal-gwida ECDC/EMCDDA fuq il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard infettiv fost il-persuni li jinjettaw id-drogi	
	9. Tkabbir tal-iżvilupp, id-disponibbiltà u l-kopertura tal-miżuri ta' kura tas-saħħa għall-utenti tad-drogi fil-ħabs u wara li joħorġu mill-ħabs bil-għan li tinkiseb kwalità ta' kura ekwivalenti għal dik ipprovduta fil-komunità	Għaddejja bħalissa	Stati Membri	— L-indikatur ġenerali 10 — Id-disponibbiltà ta' servizzi għal utenti tad-drogi f'ħabsijiet (bħat-trattament tas-sostituzzjoni tal-opjojde u, jekk applikabbli, il-programmi tan-naloxonum u l-programmi ta' skambju tal-labar u siringi skont il-leġislazzjoni nazzjonali u l-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-HIV, l-Epatite B, l-Epatite Ċ u t-Tuberkoloż) u l-livell ta' kemm il-politiki u l-prattiki tal-kura tas-saħħa fil-ħabsijiet jinkorporaw mudelli ta' kura li jinkludu l-aħjar prattiki fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-kontinwità tal-kura għall-ħabsin waqt il-priġunerija	Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox Rapportar mill-Istati Membri dwar is-servizzi

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
				— Il-livell ta' kemm is-servizzi bbażati fil-ħabsijiet u s-servizzi bbażati fil-komunità jipprovdu kontinwità ta' kura għall-priġunieri wara li joħorġu mill-ħabs b'enfasi partikolari fuq li jiġu evitati doži eċċessivi ta' drogi	
3. Integrazzjoni ta' approċċi koordinati bl-aħjar prattiki u kwalità fit-tnaqqis tad-domanda għad-drogi	10. Bidu tal-implimentazzjoni ta' standards ta' kwalità minimi tal-UE adottati mill-Kunsill fl-2015 ([2]) li jgħinu biex jingħalaq id-distakk bejn ix-xjenza u l-prattika, għal: a. miżuri ta' prevenzjoni ambjentali, universali, selettivi u indikati; b. miżuri ta' kxif u ta' intervent bikrija; c. miżuri ta' tnaqqis ta' riskju u danni; u d. miżuri ta' trattament, riabilitazzjoni, integrazzjoni soċjali u rkupru u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.	2017-2020	Kunsill Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD) Stati Membri COM EMCDDA	— Analiżi tal-evidenza ta' miżuri u programmi ta' tnaqqis tad-domanda għad-drogi implimentati f'konformità mal-istandards; — Numru ta' programmi ta' taħriġ speċjalizzat disponibbli għall-prattikanti fit-tnaqqis għad-domanda għad-drogi u/jew numru stmat ta' prattikanti mil-ħuqa minn programmi ta' taħriġ speċjalizzat; — L-involviment tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-istandards, inkluż fl-ippjanar u l-introduzzjoni — In-numru ta' proġetti u programmi appoġġati fil-livell tal-UE li jippromwovu l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards — L-involviment fil-kooperazzjoni interministerjali biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards.	Portal tal-Aħjar Prattika tal-EMCDDA Rapportar tal-Istati Membri Evalwazzjoni finali tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi u tal-Pjan ta' Azzjoni

([1]) F'dan il-kuntest "ibbażati fuq l-evidenza" għandha tinqara bħala "bbażati fuq l-evidenza u l-esperjenza xjentifika disponibbli"
([2]) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2013-2016 dwar standards ta' kwalità minimi fit-tnaqqis tad-domanda għad-drogi fl-Unjoni Ewropea 11985/15

2. **Tnaqqis fil-provvista tad-droga**

Kontribut għal tnaqqis li jitkejjel tad-disponibbiltà u l-provvista ta' drogi illeċiti fl-UE

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
4. Tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni effikaċi fl-infurzar tal-liġi fl-UE biex jikkumbattu l-attività b'rabta mad-drogi illeċiti, b'mod koerenti, kif meħtieġ, mal-azzjonijiet rilevanti determinati permezz taċ-ċiklu ta' politika tal-UE	11. L-użu bl-aktar mod effettiv tal-istrumenti, il-kanali u l-għodod ta' komunikazzjoni disponibbli tal-infurzar tal-liġi għall-kondiviżjoni tal-intelligence miksuba u tal-informazzjoni użati għall-komplikazzjoni u l-analiżi ta' informazzjoni marbuta mad-drogi	Għaddejja bħalissa	Stati Membri Europol Eurojust Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (COSI)	— L-indikatur ġenerali 7, 15 — Il-kwantità ta' attivitajiet immirati u mħaddma minn intelligence miksuba ta' impatt qawwi, ta' operazzjonijiet konġunti, skwadri ta' investigazzjoni konġunti u inizjattivi ta' kooperazzjoni transkonfinali li jiffokaw fuq organizzazzjonijiet kriminali involuti f'attività marbuta ma' drogi illeċiti — Użu akbar tas-sistemi ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni, analiżi u esperti b'rabta mad-drogi tal-Europol jew awtoritajiet oħrajn tal-infurzar tal-liġi — Ir-riżultati miksuba mill-proġetti EMPACT u minn inizjattivi bilaterali u multilaterali — In-numru ta' każijiet relatati mad-drogi riferuti lill-Eurojust u l-Europol, inkluża l-informazzjoni kwalitattiva u kuntestwali dwar il-każijiet	Rapportar tal-Europol Rapportar tal-Eurojust Rapportar tal-EMCDDA Rapporti tal-Ixprunatur ta' EMPACT
	12. Jiġu identifikati u prijoritizzati l-perikli l-aktar urġenti assoċjati ma' kriminalità organizzata b'rabta mad-drogi	2017	Kunsill Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (COSI) Europol Stati Membri COM	— Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja għall-perijodu 2018-2021 fis-seħħ	SOCTA tal-UE Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali (MASPs) Pjanijiet Operazzjonali Rapporti tal-Ixprunatur ta' EMPACT Rapportar tal-Europol

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	13. Tisħiħ tat-taħriġ tas-CEPOL għal uffiċjali tal-infurzar tal-liġi b'rabta mal-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illeċiti u l-kriminalità finanzjarja, b'mod partikolari l-metodi u t-tekniki tat-taħriġ a. biex jiġi indirizzat l-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' komunikazzjoni fil-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illeċiti; b. biex tissaħħaħ il-konfiska tal-assi; c. biex jiġi indirizzat il-ħasil tal-flus; d. għall-kxif u l-iżmantellament ta' laboratorji klandestini illeċiti u siti ta' kultivazzjoni tal-kannabis.	2017-2020	Stati Membri CEPOL Europol Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (COSI) COM	— Issir valutazzjoni tal-bżonnijiet ta' taħriġ regolarment — Disponibbiltà u attendenza ta' korsijiet rilevanti ta' taħriġ — In-numru ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi mħarrġa u stazzjonati effettivament b'riżultat	Rapport annwali tas-CEPOL Kurrikuli tas-CEPOL Rapporti tal-Ixprunatur ta' EMPACT
	14. Titjib tal-attivitajiet kontra n-narkotiċi permezz tat-tisħiħ u l-monitoraġġ tal-effikaċja ta' pjattaformi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni u pjattaformi reġjonali ta' kondiviżjoni tas-sigurtà bl-għan li jitħarbtu u jitrażżnu theddidiet emerġenti minn rotot li jinbidlu tat-traffikar tad-drogi	Għaddejja bħalissa	COM Stati Membri Europol Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (COSI) Pjattaformi Reġjonali ta'Kondiviżjoni ta' Informazzjoni Pjattaformi Reġjonali ta' Kondiviżjoni tas-Sigurtà	— L-indikatur ġenerali 7 — In-numru ta' attivitajiet imħaddma minn intelligence miksuba li jwasslu għat-tħarbit u t-trażżin ta' rotot ta' traffikar tad-drogi — Il-livell ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni permezz ta' attività effettiva tan-netwerk ta' uffiċjali ta' kollegament	Pjattaformi ta' Kondiviżjoni ta' Sigurtà/ Informazzjoni u Rapporti ta' Evalwazzjoni Rapportar tal-EMCDDA SOCTA tal-UE Rapporti tal-Ixprunatur ta' EMPACT Rapportar tal-Europol MAOC(N) [1]

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	15. Tisħiħ tal-azzjonijiet li jimpedixxu d-devjazzjoni ta' prekursuri u pre-prekursuri għall-użu fil-manifattura illeċita ta' drogi	Għaddejja bħalissa	Stati Membri Europol COM Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (CUG COSI)	— In-numru ta' każijiet u l-kwantità ta' kunsinni mwaqqfa jew sekwestrati ta' prekursuri intenzjonati għal użu illeċitu — Riżultati miksuba minn proġetti EMPACT — L-użu tas-Sistema Online ta' Notifikazzjoni Qabel l-Esportazzjoni (PEN) u ż-żieda fl-użu tas-Sistema ta' Komunikazzjoni dwar Inċidenti li jinvolvu Prekursuri (PICS) — In-numru ta' laqgħat konġunti ta' segwitu u attivitajiet oħrajn marbuta mal-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' prekursuri u pre-prekursuri	Rapporti mill-Aġenziji tal-Infurzar tal-Liġi tal-UE u tal-Istati Membri EMPACT Rapporti tal-Ixprunatur Rapportar tal-Europol
	16. Ħidma kontra t-traffikar transkonfinali tad-drogi inkluż dak li jsir permezz tal-kunsinni tal-kontejners u l-pakketti, u titjib tas-sigurtà fil-fruntieri speċjalment f'portijiet marittimi, ajruporti u punti ta' kondiviżjoni tal-fruntiera mill-art tal-UE permezz ta' sforzi intensifikati, inkluż kondiviżjoni ta' informazzjoni u intelligence miksuba, mill-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi	Għaddejja bħalissa	Stati Membri Europol Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (CCWP COSI)	— L-għadd ta' operazzjonijiet konġunti bejn diversi dixxiplini/aġenziji u ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni transkonfinali — Skambju intensifikat ta' informazzjoni pereżempju bħal Memoranda ta' Qbil (MtQ) miftehmin bejn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u korpi rilevanti bħal linji tal-ajru, couriers express bl-ajru, kumpanniji tat-tbaħħir, awtoritajiet ta' portijiet u kumpanniji tal-kimiċi — Riżultati miksuba minn proġetti EMPACT — Titjib fil-kondiviżjoni tal-intelligence miksuba u l-informazzjoni dwar traffikar transkonfinali tad-drogi bl-użu, fost oħrajn, ta' sistemi disponibbli ta' sorveljanza tal-fruntieri — Implimentazzjoni tad-direttiva dwar ir-Reġistru tal-UE tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)	Rapporti tal-Ixprunatur ta' EMPACT Rapportar tal-Europol Rapporti mis-CCWP Rapportar tal-Istati Membri MAOC(N) Frontex

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	17. Implimentazzjoni tal-indikaturi ewlenin dwar it-tnaqqis tal-provvista tad-drogi adottati mill-Kunsill fl-2013 ([2])	2017-2020	COM Stati Membri Kunsill Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD) EMCDDA Europol	Il-punt sa fejn jiġu implimentati l-indikaturi li ġejjin: — numru u kwantità tas-sekwestri tad-drogi — purezza u kontenut tad-drogi — prezzijiet tad-drogi — faċilitajiet tal-produzzjoni tad-drogi żmantellati — reati kontra l-liġi dwar id-droga — disponibbiltà tad-drogi fl-istħarriġ tal-popolazzjoni — stimi fuq id-daqs tas-suq	Perspettiva tal-ġbir ta' data eżistenti dwar il-provvista nazzjonali tad-drogi fl-Istati Membri Rapportar tal-EMCDDA Rapportar tal-Europol
5. Tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva u l-leġislazzjoni fl-UE	18. Tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE fl-indirizzar tat-traffikar transkonfinali tad-drogi, il-ħasil tal-flus, u fil-konfiska tar-rikavati ta' kriminalità organizzata b'rabta mad-drogi	2017-2020	Kunsill COM Stati Membri Eurojust	— Implimentazzjoni puntwali tal-miżuri u l-leġislazzjoni maqbula tal-UE dwar (a) konfiska u rkupru ta' assi kriminali ([3]); (b) il-ħasil ta' flus ([4]); (c) approssimazzjoni ta' reati u sanzjonijiet dwar it-traffikar ta' drogi madwar l-UE ([5]) — Żieda fl-għadd ta' investigazzjonijiet finanzjarji u konfiski fir-rigward tar-rikavati ta' kriminalità organizzata b'rabta mad-drogi permezz tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE — Tweġibiet puntwali u effettivi għal talbiet ta' assistenza legali reċiproka u Mandati ta' Arrest Ewropej b'rabta mat-traffikar illeċitu ta' drogi	Rapportar tal-Eurojust Rapportar tal-Istati Membri

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	19. Adozzjoni u introduzzjoni ta' miżuri leġislattivi ġodda tal-UE biex jindirizzaw it-tfaċċar, l-użu u t-tifrix rapidu ta' sustanzi psikoattivi ġodda	2017-2020	COM Kunsill Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD) Stati Membri EMCDDA Europol EUROJUST	— Leġislazzjoni tal-UE stabbilita — Implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE fl-Istati Membri — Aġġornament tal-linji gwida tal-UE għall-iskambju tal-informazzjoni u l-proċeduri tal-valutazzjoni tar-riskju — Monitoraġġ tal-effetti tal-miżuri leġislattivi ġodda b'fokus speċjali fuq l-effett sostituttiv fis-suq tad-drogi illegali	Rapportar tal-Istati Membri Rapportar tal-EMCDDA COM (miżuri tal-UE)
	20. Implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar prekursuri ta' drogi biex timpedixxi d-devjazzjoni tagħhom mingħajr ma tfixkel il-kummerċ legali	Għaddejja bħalissa	Kunsill COM Stati Membri	— Informazzjoni dwar il-każijiet u l-kwantità ta' kunsinni mwaqqfa jew sekwestrati ta' prekursuri intenzjonati għal użu illeċitu — Riżultati miksuba minn proġetti EMPACT — L-użu tas-Sistema Online ta' Notifikazzjoni Qabel l-Esportazzjoni (PEN) u ż-żieda fl-użu tas-Sistema ta' Komunikazzjoni dwar Inċidenti li jinvolvu Prekursuri (PICS) — In-numru ta' laqgħat konġunti ta' segwitu u attivitajiet oħrajn marbuta mal-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' prekursuri u pre-prekursuri.	Rapport Annwali dwar il-Prekursuri tal-INCB Rapportar tal-Kummissjoni Ewropea u tal-EMCDDA

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	21. Indirizzar tal-użu ta' ċerti sustanzi farmakoloġikament attivi (kif definiti fid-Direttiva 2011/62/UE) bħala aġenti ta' qtugħ għal drogi illeċiti	Għaddejja bħalissa	Stati Membri COM EMA Europol	— Informazzjoni dwar is-sekwestri ta' sustanzi attivi użati bħala aġenti ta' qtugħ għal drogi illeċiti — Implimentazzjoni puntwali ta' rekwiżiti leġislattivi ġodda tal-UE mmirati biex tiġi żgurata l-katina tal-provvista għal sustanzi attivi taħt id-Direttiva 2011/62/UE, id-Direttiva dwar Mediċini Falsifikati	Rapporti mis-CCWP u l-Grupp dwar l-Unjoni Doganali Rapportar tal-Istati Membri
	22. L-Istati Membri jipprovdu u japplikaw, fejn ikun adatt u f'konformità mal-oqfsa legali tagħhom, alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għall-awturi ta' reati li jikkunsmaw drogi, bħal: a. Edukazzjoni b. (Sospensjoni tas-sentenza bi) trattament c. Sospensjoni tal-investigazzjoni jew prosekuzzjoni d. Riabilitazzjoni u rkupru e. Kura ta' segwitu u riintegrazzjoni soċjali	2017-2020	Stati Membri Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD DROIPEN)	— Żieda fid-disponibbiltà u l-implimentazzjoni ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għall-awturi ta' reati li jikkunsmaw drogi fl-oqsma tal-edukazzjoni, trattament, riabilitazzjoni, kura ta' segwitu u integrazzjoni soċjali. — Żieda fil-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi — Tip u għadd ta' alternattivi għas-sanzjonijiet koerċittivi previsti minn u implimentati mill-Istati Membri — Informazzjoni dwar l-effikaċja tal-użu ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi	Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox Rapportar tal-Istati Membri

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
6. Tweġiba effettiva għal xejriet attwali u emerġenti fl-attività b'rabta ma' drogi illeċiti	23. Identifikazzjoni ta' tweġibiet strateġiċi li jindirizzaw ir-rwol ta' teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u l-hosting ta' siti web assoċjati, fil-produzzjoni, kummerċjalizzazzjoni, xiri u distribuzzjoni ta' drogi illeċiti u sustanzi psikoattivi ġodda fil-livell nazzjonali u tal-UE.	2017-2020	Kunsill COM Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD COSI Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Doganali (CCWP)) Stati Membri Europol CEPOL EMCDDA EUROJUST	— Riżultati miksuba minn azzjonijiet tal-infurzar tal-liġi indirizzati lejn kriminalità b'rabta mad-drogi permezz tal-Internet — Żieda fl-għadd ta' —operazzjonijiet konġunti u fl-inizjattivi ta' kooperazzjoni transkonfinali — In-numru u l-impatt tal-proġetti ta' riċerka ffinanzjati u l-għodod żviluppati għall-appoġġ tal-infurzar tal-liġi — Numru ta' ftehimiet/diskussjonijiet mal-imsieħba rilevanti fl-industrija — L-istabbiliment ta' glossarju tat-termini — L-istabbiliment ta' inventarju tal-għodod ta' monitoraġġ — Numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ għall-partijiet interessati rilevanti — Numru ta' laqgħat mal-imsieħba internazzjonali li fihom ġiet diskussalazzjoni	Eżami Interim taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE EMPACT Rapporti tal-Ixprunatur Rapportar tal-Europol Statistiċi/Rapport annwali tas-CEPOL Rapportar tal-EMCDDA Rapportar tal-Istati Membri Rapporti mill-Aġenziji tal-UE COM

([1]) MAOC (N), ibbażat Lisbona, huwa inizjattiva minn seba' (7) Pajjiżi Membri tal-UE: Franza, l-Irlanda, l-Italja, Spanja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Renju Unit u huwa kofinanzjat mill-Fond għas-Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropa. Iċ-Ċentru jipprovdi forum għal kooperazzjoni multilaterali biex jitrażżan it-traffikar tad-drogi illeċiti bil-baħar u bl-ajru.

([2]) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-monitoraġġ tal-provvista tad-droga fl-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Novembru 2013

([3]) Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha; id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' ordnijiet ta' konfiska. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/JHA dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza, il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska COM(2016) 819; id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI dwar il-konfiska ta rikavati, mezzi strumentali u proprjetà konnessi mal-kriminalità; Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/ĠAI dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza.

([4]) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE; id-Deċiżjon Kwadru tal-Kunsill 2001/500/JHA dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità. Il-Proposta għal Direttiva tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali COM(2016) 826. Ir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006; ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontrolli ta' flus kontanti dħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontrolli ta' flus kontanti dħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005.

([5]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi, fir-rigward tad-definizzjoni ta' droga.

3. **Koordinazzjoni**

L-Istati Membri u l-UE jikkoordinaw b'mod effettiv il-politika dwar id-drogi

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
7. Koordinazzjoni effettiva tal-UE fil-qasam tad-drogi	24. Titjieb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-GOD u Gruppi ta' Ħidma oħra rilevanti tal-Kunsill u b'mod partikolari l-COSI biex titjieb il-koordinazzjoni relatata mal-pilastru tat-tnaqqis tal-provvista tad-droga Titjieb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-GOD u Gruppi ta' Ħidma ġeografiċi u tematiċi rilevanti oħrajn tal-Kunsill inkluż bħal COSI, COAFR, COASI, COEST, COLAC, COTRA, COWEB, CONUN, COHOM, CCWP, COSCE, CUG u DROIPEN	Għaddejja bħalissa	PRES Kunsill SEAE Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD)	— Il-punt sa fejn jitqiesu l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi/u l-Pjan ta' Azzjoni fil-Programmi ta' Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill oħrajn bħal COSI, COAFR, COASI, COEST, COLAC, COTRA, COWEB, CONUN, COHOM, CCWP, COSCE, CUG u DROIPEN. — Punt ta' informazzjoni regolari fuq l-aġenda tal-GOD dwar 1) l-attivitajiet marbutin mal-prijoritajiet relatati mad-droga taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE (ibbażata fuq ir-rappurtar tal-EMPACT, darba kull Presidenza), u 2) l-attivitajiet rilevanti ta' Gruppi ta' Ħidma oħra tal-Kunsill, fil-preżenza tal-Presidenti tal-Gruppi ta' Ħidma oħra rilevanti, fejn xieraq	Rapportar tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD) Rapportar tal-Presidenza
	25. Kull Presidenza tista' ssejjaħ laqgħat tal-Koordinaturi Nazzjonali dwar id-Drogi, u ta' gruppi oħrajn kif meħtieġ, biex jikkunsidraw xejriet emerġenti, interventi effettivi u żviluppi oħrajn ta' politika ta' valur miżjud għall-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi u għall-Istati Membri	Darbtejn fis-sena	PRES Stati Membri	— Il-livell ta' kemm l-aġenda tal-laqgħa tal-Koordinaturi Nazzjonali dwar id-Drogi tirrifletti l-iżviluppi, ix-xejriet u osservazzjonijiet ġodda fit-tweġibiet tal-politika u ta' kemm tipprovdi għal titjib fil-komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni	Rapportar tal-Presidenza
	26. Il-GOD ser jiffaċilita (a) monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni permezz ta' dibattiti tematiċi; u (b) djalogu annwali dwar l-istat tal-fenomenu tad-drogi fl-Ewropa	(a) Għaddejja bħalissa (b) Darba fis-sena	PRES Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD) Stati Membri COM EMCDDA Europol	— Livell ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni — Numru ta' azzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni indirizzati fid-dibattiti tematiċi fil-GOD — Il-puntwalità tad-djalogu fil-GOD rigward ix-xejriet u d-data l-aktar reċenti rigward id-drogi	Rapportar tal-Presidenza

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	27. Żgurar tal-konsistenza u kontinwità tal-azzjonijiet tal-Istati Membri u l-UE minn Presidenza għal oħra sabiex jissaħħaħ l-approċċ integrat, ibbilanċjat u bbażat fuq l-evidenza rigward id-drogi fl-UE	Għaddejja bħalissa	PRES Triju ta' PRES Stati Membri COM Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD) EMCDDA Europol	— Il-livell ta' konsistenza u kontinwità tal-azzjonijiet minn Presidenza għal oħra — Il-progress fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi minn Presidenza għal oħra	Rapportar tal-Presidenza
	28. Żgurar tal-koordinazzjoni tal-politiki u t-tweġibiet tal-UE fil-qasam tad-drogi, b'appoġġ għal kooperazzjoni internazzjonali bejn l-UE, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali	Għaddejja bħalissa	SEAE COM Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD) Stati Membri	— Il-livell ta' konsistenza u koerenza fl-objettivi, ir-riżultati mistennija u l-miżuri previsti fl-azzjonijiet tal-UE dwar id-drogi — L-inklużjoni ta' prijoritajiet li jirrigwardaw id-drogi fl-istrateġiji tal-korpi rilevanti tal-UE — Kooperazzjoni intensifikata bejn il-GOD u l-Gruppi ta' Ħidma ġeografiċi/reġjonali u tematiċi tal-Kunsill, inkluż il-COSI, COAFR, COASI, COEST, COLAT, COTRA, COWEB, CONUN u COHOM, CCWP, COSCE, CUG u DROIPEN — Numru ta' rapporti mill-Grupp ta' Dublin	Rapportar perjodiku mis-SEAE u l-COM lill-Grupp ta' ħidma tal-Kunsill (GOD) Grupp ta' Dublin

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	29. a. Il-ksib ta' livell ta' riżorsi koordinati u adatti fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex jissodisfa l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-UE rigward id-drogi b. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni biex tiġi indirizzata t-tendenza li qed tikber ta' dipendenza fuq stimulanti, b'mod partikolari l-metamfetamina, bejn korpi governattivi rilevanti u s-settur tal-NGOs, li tiffoka fuq il-ħolqien u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fil-prevenzjoni tat-tixrid minn epidemiji lokali, inkluż sforzi għat-tnaqqis tad-domanda u l-provvista, u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prevenzjoni ta' użu ħażin ta' prodotti mediċinali għall-produzzjoni tal-metamfetamina.	Annwali 2017-2020	Stati Membri COM SEAE Kunsill Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD)	— L-indikatur ġenerali 14 — L-ammont ta' fondi fil-livell tal-UE u, fejn ikun adatt, fil-livell tal-Istati Membri — Il-livell ta' koordinazzjoni dwar programmi finanzjarji relatati mad-drogi fost il-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill u l-COM — Il-livell ta' netwerking bejn il-professjonisti kemm fis-settur statutorji kif ukoll dak mhux statutorju — Id-disponibbiltà ta' interventi aċċessibbli — L-għadd ta' interventi żviluppati	Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox Rapportar tal-COM Il-portal tal-Aħjar Prattika tal-EMCDDA
8. Koordinazzjoni effettiva tal-politika dwar id-drogi f'livell nazzjonali	30. Koordinazzjoni tal-azzjonijiet dwar il-politika fil-qasam tad-drogi bejn id-Dipartimenti u l-Ministeri tal-Gvern u l-aġenziji rilevanti fil-livell tal-Istati Membri u l-iżgurar ta' rappreżentanza multidixxiplinari xierqa fi, jew input fid-delegazzjonijiet għall-GOD	Għaddejja bħalissa	Stati Membri	— L-indikatur ġenerali 14 — L-effikaċja ta' mekkaniżmu orizzontali ta' koordinazzjoni tal-politika dwar id-drogi fil-livell tal-Istati Membri — In-numru ta' azzjonijiet trasversali fil-livell tal-Istati Membri għat-tnaqqis tad-domanda għad-drogi u l-provvista tagħhom	Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox Rapportar tal-Istati Membri

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
9. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-politika dwar id-drogi	31. Promozzjoni u tisħiħ ta' djalogu mas-soċjetà ċivili u l-komunità xjentifika, u l-involviment tagħhom, fil-formulazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar id-droga fil-livelli tal-Istati Membri u tal-UE	Għaddejja bħalissa	Stati Membri COM Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD) PRES	— Djalogi f'waqthom bejn il-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-UE dwar id-Drogi u l-GOD matul kull perijodu ta' Presidenza — Involviment tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-UE fl-eżami tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi — Il-livell ta' involviment tas-soċjetà ċivili u l-komunità xjentifika fil-formulazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-Istati Membri u tal-UE dwar id-drogi — Djalogu f'waqtu bejn il-komunità xjentifika (xjenzi naturali u soċjali, inklużi n-newroxjenza u r-riċerka fl-imġiba) u l-GOD	Reazzjonijiet mill-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-UE dwar id-Drogi u mir-Rappreżentanti tas-Soċjetà Ċivili fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE Rapportar tal-Istati Membri Reazzjonijiet mill-Komunità Xjentifika permezz tal-Kumitat Xjentifiku tal-EMCDDA

4. **Kooperazzjoni internazzjonali**

Tisħiħ tad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali dwar kwistjonijiet fil-qasam tad-drogi b'mod komprensiv u bbilanċjat

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
10. Integrazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi fil-qafas ta' politika barranija ġenerali tal-UE bħala parti minn approċċ komprensiv li jagħmel użu sħiħ mill-firxa ta' politiki u strumenti diplomatiċi, politiċi u finanzjarji disponibbli għall-UE b'mod koerenti u koordinat	32. L-iżgurar ta' koerenza bejn l-aspetti interni u esterni tal-politiki tal-UE dwar id-drogi u li jiġu integrati b'mod sħiħ kwistjonijiet mill-qasam tad-drogi fid-djalogi politiċi u l-ftehimiet qafas bejn l-UE u s-sħab tagħha fil-ħidma tal-UE dwar kwistjonijiet jew sfidi globali	Għaddejja bħalissa	COM SEAE PRES Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD) Stati Membri	— L-indikatur ġenerali 13 — Il-prijoritajiet tal-politika dwar id-drogi riflessi dejjem aktar fil-politiki u l-azzjonijiet esterni tal-UE — L-inklużjoni ta' prijoritajiet b'rabta mad-drogi fl-istrateġiji tal-UE ma' reġjuni u pajjiżi terzi — In-numru ta' ftehimiet, dokumenti ta' strateġija u pjanijiet ta' azzjoni stabbiliti	Rapportar tas-SEAE

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	33. Ikun żgurat li l-prijoritajiet tal-politika u l-bilanċ bejn it-tnaqqis fid-domanda u l-provvista jkunu riflessi tajjeb fl-għażliet ta' politika u fl-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-assistenza esterna, b'mod partikolari f'pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, permezz ta' proġetti li jinvolvu: a. żvilupp ta' politiki fil-qasam tad-drogi li jkunu integrati, bilanċjati u bbażati fuq l-evidenza; b. tnaqqis fil-provvista; il-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' prekursuri u pre-prekursuri tad-droga; c. tnaqqis fid-domanda għad-droga; u d. miżuri ta' żvilupp alternattivi	Għaddejja bħalissa	COM Stati Membri SEAE	— Il-livell ta' kemm il-prijoritajiet tal-politika tal-UE dwar id-drogi, speċjalment il-bilanċ fit-tnaqqis bejn id-domanda u l-provvista, huma riflessi fil-prijoritajiet u l-proġetti ffinanzjati — Il-livell ta' implimentazzjoni ta' azzjonijiet koordinati fil-pjanijiet ta' azzjoni bejn l-UE u reġjuni u pajjiżi terzi — In-numru ta' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jinkorporaw politiki integrati dwar id-drogi	Rapporti tal-COM, SEAE u l-Istati Membri dwar il-programmazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi
	34. Titjib fil-kapaċità u t-tisħiħ tar-rwol tad-Delegazzjonijiet tal-UE biex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod proattiv rigward kwistjonijiet ta' politika dwar id-drogi u jirrapportaw lura b'mod effikaċi dwar is-sitwazzjoni lokali tad-drogi	2017-2020	SEAE COM Stati Membri	— Kompetenza esperta, taħriġ u gwida ta' politika rilevanti pprovduti lid-Delegazzjonijiet tal-UE — Tisħiħ tan-netwerking reġjonali fost id-Delegazzjonijiet tal-UE rigward kwistjonijiet ta' drogi — Tisħiħ tal-koordinazzjoni mal-Istati Membri	Rapportar tas-SEAE u tal-COM id-Delegazzjonijiet tal-UE Rapporti tal-Grupp ta' Dublin

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	35. Il-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-approċċ tal-UE għall-iżvilupp alternattiv (konsistenti mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2013-2020; l-Approċċ tal-UE għal Żvilupp Alternattiv u l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Alternattiv 2013) f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà tal-bniedem, aspetti marbutin mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-kondizzjonijiet qafas speċifiċi, inkluż:	Għaddejja bħalissa	Stati Membri COM SEAE	— L-għadd ta' politiki, strateġiji u pjani ta' azzjoni nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jinkorporaw: — approċċi integrati għall-problema tal-kultivazzjoni illeċita ta' għelejjel tad-drogi u — inizjattivi rigward l-iżvilupp alternattiv li ġew organizzati b'mod effettiv — In-numru ta' proġetti evalwati li juru eżiti pożittivi relatati ma' mezzi ta' għajxien sostenibbli, legali u sensittivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi — Titjib fl-indikaturi rigward l-iżvilupp tal-bniedem — In-numru ta' proġetti u programmi għall-iżvilupp rurali, iffinanzjati mill-UE u l-Istati Membri f'reġjuni fejn tkun qiegħda sseħħ il-kultivazzjoni illeċita ta' għelejjel tad-drogi, jew f'reġjuni li jinsabu f'riskju ta' kultivazzjoni illeċita tad-drogi — Rappurtar ta' tnaqqis lokali fil-kultivazzjoni illeċita tad-drogi fuq perijodu ta' żmien twil	Rapporti tal-UNODC u tal-INCB dwar il-politiki dwar id-drogi f'pajjiżi mhux tal-UE Rapporti ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni ta' Proġetti u Programmi tal-UE u l-Istati Membri Rapporti tal-UNDP dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem Il-Grupp ta' Dublin jirrapporta dwar il-pajjiżi mhux tal-UE
	a. l-inkorporazzjoni tal-iżvilupp alternattiv fl-aġenda usa' tal-Istati Membri, filwaqt li l-pajjiżi terzi li jixtiequ jagħmlu dan jiġu mħeġġin jintegraw l-iżvilupp alternattiv fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom;				
	b. billi jsir kontribut għall-inizjattivi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-faqar, il-konflitti u l-vulnerabbiltà permezz ta' appoġġ għal mezzi ta' għajxien sostenibbli, legali u sensittivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi għal nies li kienu preċedentement, jew li huma attwalment, involuti fil-kultivazzjoni illeċita tal-għelejjel tad-drogi				

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	c. jiġi pprovdut livell adatt ta' finanzjament u kompetenza esperta mill-UE u l-Istati Membri biex ikomplu jiġu msaħħin u appoġġati l-isforzi ta' pajjiżi mhux tal-UE fl-indirizzar u l-prevenzjoni tal-koltivazzjoni ta' għelejjel ta' produzzjoni ta' droga illeċita, permezz ta' miżuri għall-iżvilupp rurali u jissaħħaħ l-istat tad-dritt sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tnaqqis tal-faqar, tas-saħħa, is-sikurezza u s-sigurtà pubbliċi				
	36. Jingħata appoġġ lil pajjiżi terzi, inkluż lis-soċjetà ċivili f'dawk il-pajjiżi, biex jiġu żviluppati u implimentati inizjattivi biex jitnaqqsu r-riskji u d-danni, partikolarment fejn hemm theddida dejjem akbar ta' trasmissjoni ta' virus li jittieħdu mid-demm u li huma relatati mad-drogi u assoċjati mal-konsum tad-drogi inkluż, iżda mhux limitati biss għall-HIV u l-epatite virali, kif ukoll il-mard li jittieħed mis-sess u t-tuberkuloż	Għaddejja bħalissa	Stati Membri COM SEAE	— In-numru ta' inizjattivi li jnaqqsu r-riskji u d-danni li ġew żviluppati u l-kwalità tagħhom — Il-prevalenza ta' mwiet relatati mad-drogi f'pajjiżi terzi u virus li jittieħdu mid-demm u li huma relatati mad-drogi, inkluż, iżda mhux limitati biss għall-HIV u l-epatite virali, kif ukoll il-mard li jittieħed mis-sess u t-tuberkuloż	Rapporti tal-WHO Il-Grupp ta' Dublin jirrapporta dwar il-pajjiżi mhux tal-UE Skambji tas-SEAE, il-COM u l-Istati Membri dwar il-politiki ta' pajjiżi mhux tal-UE
	37. Jingħata appoġġ lil pajjiżi terzi biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata relatata mad-drogi, inkluż it-traffikar tad-drogi, permezz ta': a. il-kondiviżjoni ta' intelligence miksuba u l-iskambju tal-aħjar prattiki; b. tisħiħ tal-kapaċità kontra s-sustanzi narkotiċi u żvilupp ta' kompetenza esperta fil-pajjiżi tal-oriġini u dawk tat-tranżitu;	Għaddejja bħalissa	Stati Membri SEAE COM Europol	— In-numru ta' proġetti u programmi u kemm huma effikaċi mill-UE u l-Istati Membri f'pajjiżi mhux tal-UE — Tnaqqis sostnut fit-traffikar tad-drogi	Rapportar mill-COM u mill-Istati Membri Rapportar tal-Europol Rapportar tas-SEAE Rapport Dinji Annwali tal-UNODC rigward id-Drogi

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	c. ħidma mas-sħab internazzjonali biex jiġu indirizzati l-fatturi li jikkontribwixxu għat-traffikar tad-drogi bħall-korruzzjoni, l-istituzzjonijiet dgħajfin, il-governanza dgħajfa u nuqqas ta' kontrolli regolatorji finanzjarji; d. tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-identifikazzjoni u l-irkupru tal-assi, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' pjattaformi nazzjonali speċifiċi; u e. intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali u intrareġjonali f. inkorporazzjoni tal-istat tad-dritt u tal-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'miżuri tal-infurzar tal-liġi relatati mad-drogi				
	38. a. Tisħiħ tal-kooperazzjoni u/jew it-twettiq ta' djalogu mas-sħab, inkluż: — il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali — il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat — l-Istati Uniti tal-Amerka — il-Federazzjoni Russa	Għaddejja bħalissa	Triju ta' PRES COM SEAE Stati Membri	— L-indikatur ġenerali 13 — Tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-drogi mas-sħab rilevanti — Djalogi organizzati — Dikjarazzjonijiet maqbula — Programmi u Pjanijiet ta' Azzjoni implimentati	Rapportar tas-SEAE Rapporti dwar l-Implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni rilevanti fejn disponibbli

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	— pajjiżi jew reġjuni ta' prijorità oħrajn, speċjalment: — l-Afganistan, il-Pakistan u l-Iran — ir-Repubbliki tal-Asja Ċentrali — iċ-Ċina — l-Amerka Latina u l-Karibew (CELAC) — l-Afrika, b'mod partikolari l-Afrika tal-Punent — Pajjiżi oħra skont l-iżviluppi nazzjonali u internazzjonali b. Esplorazzjoni tal-possibbiltajiet għal involviment (bħal djalogi bilaterali, proġetti konġunti) ma' pajjiżi oħra mhux tal-UE dwar kwistjonijiet serji relatati mad-drogi				
	39. Titjib tal-mekkaniżmu konsultattiv tal-Grupp ta' Dublin permezz ta' kooperazzjoni u parteċipazzjoni intensifikati tal-UE, titjib fil-formulazzjoni, l-implimentazzjoni u t-tqassim tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu	Għaddejja bħalissa	Grupp ta' Dublin COM SEAE Stati Membri	— Il-livell ta' attività fl-istrutturi kollha tal-Grupp ta' Dublin inkluż in-numru ta' rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Dublin implimentati b'mod effettiv — Modernizzazzjoni miksuba tal-metodi ta' ħidma tal-Grupp ta' Dublin	Rapporti tal-Grupp ta' Dublin
	40. Jiġi organizzat djalogu annwali dwar l-assistenza mill-UE u l-Istati Membri relatata mad-drogi għal pajjiżi terzi akkumpanjat minn aġġornament bil-miktub	Minn 2017	COM SEAE Stati Membri	— Preżentazzjoni mill-COM u s-SEAE lill-Grupp Orizzontali dwar id-Drogi, tal-inqas darba fis-sena	Rapportar mill-COM u mis-SEAE Rapportar tal-Istati Membri Sistemi u Rapporti ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni ta' Proġetti u Programmi

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	41. Jiġi żgurat li l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jiġu integrati kompletament fi djalogi politiċi u fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' programmi u proġetti rilevanti relatati mad-drogi inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet (rights-based approach - RBA) u ta' gwida dwar id-drittijiet tal-bniedem u għodda għall-valutazzjoni tal-impatt imfassla apposta	Għaddejja bħalissa	COM COHOM/EEAS Stati Membri	— Integrazzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki u l-azzjonijiet esterni tal-UE dwar id-drogi — Implimentazzjoni tal-għodda ta' gwida u valutazzjoni rigward id-drittijiet tal-bniedem	Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem Rapportar tal-Istati Membri
11. Titjib tal-koeżjoni tal-approċċ tal-UE u l-viżibbiltà tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti (NU) u t-tishiħ tal-koordinazzjoni tal-UE mal-korpi internazzjonali relatati mal-qasam tad-droga	42. Isir kontribut għat-tfassil tal-aġenda dwar il-politika internazzjonali rigward id-drogi, inkluż permezz ta': a. Azzjoni aktar affermattiva mill-UE u d-Delegazzjonijiet tal-Istati Membri fl-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND); b. Azzjoni koordinata mill-UE u d-Delegazzjonijiet tal-Istati Membri fil-fora l-oħrajn kollha tan-NU li tindirizza kwistjonijiet relatati mad-drogi (pereżempju l-Assemblea Dinjija tas-Saħħa, il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli)	Għaddejja bħalissa	SEAE PRES Stati Membri COM Kunsill Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD)	— L-indikatur ġenerali 13 — Numru ta' dikjarazzjonijiet tal-UE fil-fora tas-CND u fil-fora l-oħra tan-NU — In-numru ta' pożizzjonijiet komuni tal-UE appoġġati minn reġjuni u korpi internazzjonali oħrajn — Numru ta' pożizzjonijiet komuni li jikkonċernaw id-deċiżjonijiet tas-CND dwar l-iskedar tas-sustanzi — Ir-riżultat tad-deċiżjonijiet tas-CND dwar l-iskedar tas-sustanzi	Rapportar tas-SEAE Indikatur ta' konverġenza Eżitu tal-eżami tal-2019 Ir-rapporti annwali dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	c. tħejjija, koordinazzjoni u adozzjoni tal-pożizzjonijiet komuni u r-riżoluzzjonijiet konġunti tal-UE fl-Assemblea Ġenerali tan-NU u s-CND, inklużi, qabel is-CND, dwar l-iskedar tas-sustanzi, u l-iżgurar li l-UE titkellem b'vuċi waħda b'saħħitha f'dawn il-fora internazzjonali u oħrajn;			— Livell ta' adozzjoni b'suċċess ta' riżoluzzjonijiet tal-UE fin-NU inkluż fis-CND — Promozzjoni effettiva tal-politiki tal-UE fin-NU, inkluż fis-CND	
	d. il-promozzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tad-Dokument dwar l-Eżitu tal-UNGASS 2016 bħala dokument fundamentali ta' referenza għal diskussjonijiet rilevanti għall-politika internazzjonali dwar id-drogi fil-fora rilevanti kollha			— Adozzjoni ta' Dokument dwar il-Pożizzjoni Komuni tal-UE fil-proċess ta' eżami tal-2019; Kontribuzzjoni tal-UE għad-definizzjoni mis-CND tal-modalitajiet għall-proċess tal-2019 — Implimentazzjoni tal-pożizzjoni komuni tal-UE dwar il-proċess post-UNGASS	
	e. il-parti ministerjali li għandha ssir matul it-tnejn u sittin sessjoni tas-CND, fi Vjenna fl-2019; u			— L-eżitu tal-eżami tal-2019 tad-Dikjarazzjoni Politika u l-Pjan ta' Azzjoni tan-NU tal-2009 dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali għal Strateġija Integrata u Bbilanċjata biex Tiġi Miġġielda l-Problema Dinjija tad-Drogi	
	f. l-iżgurar tal-involviment sinifikanti tas-soċjetà ċivili u l-komunità xjentifika fil-proċess ta' eżami			— Progress fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) b'rabta mad-drogi	

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	43. It-tishiħ tas-shubiji mal-UNODC, WHO, UNAIDS u aġenziji rilevanti oħrajn tan-NU, korpi internazzjonali u reġjonali u organizzazzjonijiet u inizjattivi (bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-Inizjattiva tal-Patt ta' Pariġi)	Għaddejja bħalissa	Kunsill SEAE COM PRES Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (GOD) EMCDDA	— L-indikaturi ġenerali 13, 15 — In-numru ta' skambji ta' informazzjoni u attivitajiet bejn l-UE u l-korpi u l-organizzazzjonijiet u l-inizjattivi internazzjonali u reġjonali rilevanti — L-effikaċja tas-shubiji ma' korpi rilevanti	Rapportar tal-Istati Membri, is-SEAE, il-COM
12. Jingħata appoġġ għall-proċess tal-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali biex jadattaw għall-acquis tal-UE u jikkonformaw miegħu fil-qasam tad-drogi, permezz ta' assistenza mmirata u monitoraġġ	44. Tingħata assistenza teknika mmirata, u assistenza oħra u appoġġ kif meħtieġ, lill-pajjiżi aderenti, lill-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali biex jiġi ffaċilitat l-adattament tagħhom għall-acquis tal-UE u l-konformità miegħu fil-qasam tad-drogi	Għaddejja bħalissa	COM Stati Membri EMCDDA Europol Eurojust Frontex SEAE	— L-indikatur ġenerali 15 — Konformità akbar mill-pajjiżi mal-acquis tal-UE — In-numru u l-kwalità ta' proġetti kkompletati — Stabbiliment ta' Strateġiji Nazzjonali dwar id-Drogi u strutturi nazzjonali ta' koordinazzjoni fil-qasam tad-drogi	Rapportar tal-EMCDDA Rapporti tal-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali

5. **Informazzjoni, riċerka, monitoraġġ u evalwazzjoni**

Kontribut biex jinftiehmu aħjar l-aspetti kollha tal-fenomenu tad-drogi u l-impatt tal-miżuri sabiex tingħata evidenza soda u komprensiva għall-politiki u l-azzjonijiet

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
13. Jiġi żgurat investiment adegwat fir-riċerka, il-ġbir ta' data, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aspetti kollha tal-fenomenu tad-drogi	45. Issir promozzjoni ta' finanzjament adatt ta' riċerka u studji multidixxiplinari fil-livell tal-UE relatati mad-drogi inkluż permezz ta' programmi finanzjarji relatati mal-UE (2014-2020)	2017-2020	Stati Membri COM	— L-ammont u t-tip ta' finanzjament tal-UE mogħti lill-programmi u l-proġetti differenti	COM Rapportar tad-djalogu annwali dwar ir-riċerka

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	46. Jiġi żgurat li l-proġetti b'appoġġ mill-UE: a. jieħdu kont tal-prijoritajiet tal-Istrateġija dwar id-Drogi u l-Pjan ta' Azzjoni għall-ġlieda kontra d-Drogi tal-UE; b. jikkunsidraw il-lakuni fil-formulazzjoni tal-politika; c. jagħtu valur miżjud ċar u jiżguraw koerenza u sinerġija; u d. jevitaw duplikazzjoni mar-riċerka taħt programmi u korpi oħrajn e. jieħdu kont tal-importanza tar-riċerka fl-imġiba u n-newroxjenza ([1]) f. jinkludu indikaturi ċari għall-kejl tal-impatt tagħhom	2017-2020	COM EMCDDA	— L-inklużjoni tal-prijoritajiet tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda kontra d-Drogi fil-finanzjament u l-valutazzjoni tal-kriterji tar-riċerka ffinanzjata mill-UE u relatata mad-drogi — In-numru, l-impatt, il-komplementarjetà u l-valur ta' għotjiet u kuntratti ta' riċerka mogħtija ffinanzjati mill-UE u relatati mad-drogi — In-numru ta' artikli u rapporti ta' riċerka ffinanzjati mill-UE u relatati mad-drogi ppubblikati f'ġurnali riveduti mill-pari b'fatturi ta' impatt qawwi — Dibattitu annwali tal-GOD dwar proġetti ta' riċerka relatati mad-drogi ffinanzjati mill-UE inklużi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku tal-EMCDDA dwar il-prijoritajiet tar-riċerka	Rapporti ta' proġetti ta' riċerka Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku tal-EMCDDA dwar il-prijoritajiet tar-riċerka Indiċi ta' Ċitazzjoni Xjentifika u għodod bibljometriċi simili Aġenda ta' riċerka strateġika żviluppata mill-ERANID
	47. Jiġu promossi evalwazzjonijiet bbażati fuq l-evidenza tal-politiki u l-interventi fil-livell nazzjonali, tal-UE u internazzjonali	2017-2020	COM Stati Membri EMCDDA	— L-indikatur ġenerali 14 — Gwida tal-EMCDDA dwar l-evalwazzjoni użata biex jiġi appoġġat il-proċess nazzjonali — Studji speċifiċi pprovduti dwar l-effikaċja u l-impatti tal-politiki tal-UE u internazzjonali dwar id-drogi	Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	48. Tissaħħaħ l-analiżi (inkluż l-immappjar ta' sorsi ta' informazzjoni) u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar ir-relazzjoni bejn it-traffikar tad-droga u:	2017-2020	Stati Membri Kummissjoni ATC tal-UE EMCDDA Europol Frontex FRA EIGE Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (COSI COTER Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (TWP) Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli (HLWG))	— Il-punt sa fejn jiżdied il-fehim tal-konnessjonijiet potenzjali bejn it-traffikar tad-drogi u:	Rapportar tal-Istati Membri Rapportar tal-COM aġenziji tal-UE li jirrapportaw (EMCDDA Europol Frontex u FRA fil-qafas tal-attivitajiet ta' rappurtar regolari tagħhom EIGE fil-qafas tal-attivitajiet ta' rappurtar regolari tagħhom valutazzjonijiet tar-Riskju tal-FATF
	a. il-finanzjament tal-gruppi u l-attivitajiet terroristiċi, inkluż kwalunkwe trikkib bejn ir-rotot stabbiliti għall-produzzjoni tad-drogi u ż-żoni tat-traffikar, u ż-żoni tal-kunflitt; u s-sorsi ta' finanzjament taċ-ċelloli terroristiċi fl-UE mill-attivitajiet illeċiti inkluż it-traffikar tad-drogi;			— il-finanzjament tat-terroriżmu — il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti	
	b. Traffikar tal-bnedmin (il-bini ta' sinerġiji mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti (2015-2020) li jipprevedi riċerka u analiżi tar-riskju bejn il-kuntrabandu u reati oħrajn bħat-traffikar tad-droga) inkluż:			— it-Traffikar tal-Bnedmin — xogħol tal-UE u nazzjonali (bħal rapporti, studji u artikli li jindirizzaw dawn is-suġġetti)	
	— Iffokar fuq il-migranti vulnerabbli u l-isfruttament potenzjali tagħhom għal skopijiet ta' traffikar tad-droga u/jew bħala utenti finali tad-drogi, b'mod partikolari l-minuri u n-nisa.				
	— L-esplorazzjoni ta' kwalunkwe trikkib bejn it-traffikar tad-drogi u ċ-ċrieki kriminali tal-kuntrabandu tal-migranti, il-modi operandi u r-rotot.				

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	c. it-traffikar f'sinerġiji ta' żvilupp tal-bnedmin mal-oqfsa legali u politiċi tal-UE li jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin inkluż l-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012–2016				
14. Jinżammu netwerking u kooperazzjoni u tiġi żviluppata kapaċità fi ħdan il-komponenti tal-infrastruttura tal-għarfien tal-UE u bejniethom għall-informazzjoni, ir-riċerka, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tad-drogi, b'mod partikolari d-drogi illeċiti	49. F'kollaborazzjoni mal-partijiet rilevanti, jibqgħu jiġu pprovduti analiżijiet komprensivi ta': a. is-sitwazzjoni tad-drogi fl-UE; b. id-dinamika tal-konsum tad-drogi f'popolazzjonijiet ġenerali u gruppi fil-mira c. reazzjonijiet għall-konsum tad-drogi u fi żmien xieraq, jiġi pprovdut aġġornament mill-EMCDDA tal-ħarsa ġenerali tal-2017 tal-leġislazzjoni dwar il-kannabis fl-UE kif ukoll ikomplu jsiru sorveljanza u rapportar dwar il-leġislazzjonijiet dwar il-kannabis f'livell nazzjonali u f'pajjiżi terzi	Għaddejja bħalissa	EMCDDA Europol Stati Membri COM	— L-indikaturi ġenerali 1-15 — Stabbiliment tan-nuqqasijiet attwali fil-bażi tal-għarfien u żvilupp ta' qafas fil-livell tal-UE biex isiru kemm jista' jkun analiżijiet mill-ħażniet attwali ta' data — In-numru ta' studji ġenerali u analiżijiet ta' temi rigward is-sitwazzjoni tad-drogi	Rapportar tal-EMCDDA Rapportar tal-Istati Membri Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi COM

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	50. Jissaħħaħ it-taħriġ ibbażat fuq l-evidenza għal dawk involuti fir-rispons għall-fenomenu tad-drogi	2017-2020	Stati Membri EMCDDA CEPOL	— In-numru ta' inizjattivi fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE biex jitħarrġu professjonisti f'aspetti tat-tnaqqis tad-domanda għad-drogi u t-tnaqqis tal-forniment tad-drogi — In-numru ta' inizjattivi fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE implimentati biex jitħarrġu professjonisti b'rabta mal-ġbir ta' data u rappurtar tat-tnaqqis tad-domanda għad-drogi u t-tnaqqis tal-provvista tad-drogi	Rapportar tal-Istati Membri Rapport annwali tas-CEPOL Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox
	51. Tiswiħ tal-ġbir ta' data, ir-riċerka, l-analiżi u r-rappurtar dwar: a. tnaqqis fid-domanda għad-droga; b. tnaqqis fil-provvista tad-droga; c. ix-xejriet emerġenti, bħall-użu polidroga u l-abbuż ta' mediċini psikoattivi li jkunu ta' riskju għas-saħħa u s-sikurezza; d. virus li jittieħdu mid-demm u assoċjati mal-konsum tad-drogi inkluż iżda mhux limitati biss għall-HIV u l-epatite virali, kif ukoll il-mard li jittieħed mis-sess u t-tuberkuloża; e. komorbożità psikjatrika u fiżika;	Għaddejja bħalissa	Stati Membri COM EMCDDA Europol ECDC EMA	— Disponibbiltà akbar u implimentazzjoni ta' indikaturi bbażati fuq l-evidenza u xjentifikament solidi rigward it-tnaqqis tal-provvista tad-drogi u t-tnaqqis tad-domanda għad-drogi — Fil-livell tal-Istati Membri, il-firxa ta' riċerka ġdida mibdija rigward ix-xejriet emerġenti bħall-użu polidroga u l-abbuż ta' mediċini kkontrollati psikoattivi; virus li jittieħdu mid-demm u assoċjati mal-konsum tad-drogi inkluż iżda mhux limitati biss għall-HIV u l-epatite virali, kif ukoll il-mard li jittieħed mis-sess u t-tuberkuloża; komorbożità psikjatrika u fiżika; u problemi u konsegwenzi oħra relatati mas-sustanzi leċiti kif ukoll illeċiti	Rapportar tal-EMCDDA Rappurtar tal-EMA Rapportar tal-Istati Membri Rapporti ta' data armonizzati mill-korpi tal-UE inkluż l-EMCDDA SOCTA tal-UE

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	f. il-problemi tad-droga fost il-priġunieri u d-disponibbiltà u l-kopertura tal-interventi u s-servizzi għat-tnaqqis tad-domanda għad-droga fil-ħabsijiet; u g. problemi u konsegwenzi oħra relatati ma' sustanzi illeċiti kif ukoll l-użu ta' polidrogi (l-użu kkombinat ta' sustanzi leċiti u illeċiti, inklużi mediċini psikoattivi, l-alkoħol u t-tabakk) h. il-konformità tal-politiki dwar id-drogi mal-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem			— twettiq ta' studju għall-UE kollha rigward l-intimidazzjoni tal-komunitajiet relatata mad-drogi, l-impatti tagħha fuq l-individwi, il-familji u l-komunitajiet l-aktar affettwati u r-reazzjonijiet effettivi għaliha — Adozzjoni ta' indikaturi bbażati fuq l-evidenza u xjentifikament solidi dwar il-problemi tad-drogi fost il-priġunieri	
	52. Titjieb il-kapaċità ta' kxif, valutazzjoni u rispons effettivi għat-tfaċċar u l-konsum ta' sustanzi psikoattivi ġodda u jiġi ssorveljat il-livell tal-impatt li jħallu dawn is-sustanzi l-ġodda fuq in-numru u l-profil tal-konsumaturi	Għaddejja bħalissa	COM Stati Membri EMCDDA Europol	— L-indikatur ġenerali 6 — Il-firxa ta' riċerka epidemjoloġika, farmakoloġika u tossikoloġika mibdija fir-rigward ta' sustanzi psikoattivi ġodda u appoġġata mill-Programmi ta' riċerka tal-Istati Membri u tal-UE — Il-kwantità ta' informazzjoni, prattiki tajba u skambju ta' intelligence miksuba — Il-livell ta' kondiviżjoni mil-laboratorji tat-tossikoloġija u mill-Istituti tar-Riċerka ta' analiżijiet ta' data tossikoloġika u relatata mas-saħħa rigward sustanzi psikoattivi ġodda	Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox Rapport ta' Implimentazzjoni tal-EMCDDA-Europol Rapporti mil-laboratorji u l-istituti tar-riċerka

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
	53. Jissaħħu l-isforzi ta' kondiviżjoni ta' data ta' xjenza forensika, inklużi l-appoġġ għall-identifikazzjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda, standards ta' referenza tal-laboratorji rigward sustanzi psikoattivi ġodda, u l-iżvilupp tal-metodoloġija komuni għall-identifikazzjoni tas-sustanzi ġodda billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni maċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni, u permezz ta' netwerks eżistenti, bħall-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drogi tan-Netwerk Ewropew tal-Istituti tax-Xjenza Forensika fil-qafas tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ĠAI dwar il-Viżjoni għal Xjenza Forensika Ewropea 2020 u n-Netwerk Ewropew tal-Laboratorji Doganali	2017-2020	COM Stati Membri EMCDDA	— L-indikatur ġenerali 15 — Il-livell ta' kondiviżjoni ta' data ta' xjenza forensika dwar sustanzi psikoattivi ġodda, li jappoġġa l-identifikazzjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda — Faċilità ta' aċċess għall-istandards ta' referenza tal-laboratorji minn laboratorji u istituti tax-xjenza forensika, laboratorji doganali u istituti — Progress dwar l-iżvilupp ta' metodoloġija komuni għall-identifikazzjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda	Rapportar tal-EMCDDA/ Europol Rapportar tal-COM
	54. Titjieb u tiżdied il-kapaċità ta' identifikazzjoni, valutazzjoni u rispons fil-livell tal-Istati Membri u dak tal-UE għal (a) tibdil fl-imġiba fir-rigward tal-konsum tad-drogi u (b) tfaqqigħ ta' mard epidemiku relatat mad-drogi	Għaddejja bħalissa	Stati Membri EMCDDA ECDC	— In-numru u l-effikaċja ta' inizjattivi ġodda għas-saħħa pubblika relatati mad-drogi li jkunu ġew żviluppati u implimentati — In-numru u l-effikaċja ta' miżuri u inizjattivi eżistenti li jiġu aġġustati biex jittieħed kont tal-konsum tad-drogi jew it-tfaqqigħ ta' mard epidemiku — In-numru u l-impatt ta' rapporti ta' twissija bikrija, valutazzjonijiet tar-riskji u twissijiet	Rapporti tas-Sistema ta' Twissija Bikrija Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox Rappurtar tal-EMA

Objettiv	Azzjoni	Skeda ta' żmien	Parti responsabbli	Indikatur(i)	Mekkaniżmi għall-ġbir/ valutazzjoni tad-data
15. Tissaħħaħ id-disseminazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ, ir-riċerka u l-evalwazzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali	55. L-Istati Membri jibqgħu jappoġġaw l-isforzi ta' monitoraġġ u skambju ta' informazzjoni tal-UE, inkluża l-kooperazzjoni mal-Punti Fokali Nazzjonali tar-Reitox u l-għoti ta' appoġġ adegwat lil dawn il-Punti Fokali a. Organizzazzjoni ta' avvenimenti Ewropej li jikkonċentraw fuq it-trasferiment u d-disseminazzjoni ta' għarfien mir-riċerka lill-persuni li jfasslu l-politiki u l-professjonisti	Għaddejja bħalissa	Stati Membri EMCDDA COM	— Riżultati aċċessibbli mill-istudji finanzjati mill-UE li jkunu ġew iddisseminati — Il-livell ta' kemm il-finanzjament u riżorsi oħra tal-Punti Fokali Nazzjonali Reitox jissodisfaw il-ħtieġa — In-numru u l-effikaċja ta' inizjattivi ta' disseminazzjoni tal-Punti Fokali Nazzjonali Reitox — Numru ta' avvenimenti tal-UE li ġew organizzati dwar it-trasferiment u d-disseminazzjoni ta' għarfien mir-riċerka lill-persuni li jfasslu l-politiki u l-professjonisti	Disseminazzjoni permezz tal-Internet inkluż OpenAire, Cordis Sit tal-Internet tal-EMCDDA Rapportar tal-EMCDDA/ Pakkett ta' rapportar nazzjonali tan-netwerk Reitox

([1]) Skont l-Orizzont 2020 (2014-2020), diġà ġew allokati madwar EUR 27 miljun għal proġetti li jindirizzaw il-vizzju tad-droga u jinkludu riċerka komportamentali u newroxjenza.

ANNESS I

15-il indikatur ġenerali għall-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2017-2020 [1]

1. Perċentwal tal-popolazzjoni li attwalment jużaw id-drogi (matul dan l-aħħar xahar), użaw id-drogi reċentement (matul din l-aħħar sena), u li xi darba użaw id-drogi (użu matul ħajjithom) ikklassifikati skont id-droga u l-grupp tal-età (Sħarriġ tal-Popolazzjoni Ġenerali mill-EMCDDA)

2. Xejriet previsti fil-prevalenza tal-konsum problematiku u injettat ta' drogi (EMCDDA – Użu Problematiku tad-Drogi)

3. Xejriet fl-imwiet ikkawżati mid-drogi u l-mortalità fost il-konsumaturi tad-drogi (skont definizzjonijiet nazzjonali) (EMCDDA – Imwiet relatati mad-Drogi)

4. Prevalenza u inċidenza, fost utenti ta' drogi injettati, ta' mard li jittieħed li jista' jiġi attribwit lill-konsum tad-drogi, inkluż l-HIV u l-Epatite virali, il-mard li jittieħed mis-sess u t-tuberkuloži (EMCDDA – Mard li Jittieħed Relatat mad-Drogi)

5. Xejriet fl-età tal-ewwel użu ta' drogi illeċiti (Proġett Ewropew ta' Sħarriġ Skolastiku dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn (ESPAD), Sħarriġ dwar l-Imġiba marbuta mas-Saħħa fi Tfal tal-Età tal-Iskola (HBSC) u Sħarriġ tal-Popolazzjoni Ġenerali dwar il-Konsum tad-Drogi (EMCDDA – Indikatur Epidemjoloġiku Ewlieni)

6. Xejriet fin-numri ta' nies li jieħdu kura għad-drogi (EMCDDA – Domanda għal Kura) u n-numru totali stmat ta' nies li qegħdin jirċievu trattament għad-drogi (EMCDDA – Domanda għat-Trattament u Rispons tas-Saħħa u Soċjali)

7. Xejriet fin-numru u l-kwantitajiet ta' qabdiet ta' drogi illeċiti (EMCDDA Qabdiet tad-Drogi: kannabis inklużi weraq tal-kannabis, eroina, kokaina, il-kokaina crack, l-amfetamina, il-metamfetamina, l-ekstasi, l-LSD u sustanzi oħrajn)

8. Xejriet fil-prezzijiet bl-imnut u l-purezza tad-drogi illeċiti (EMCDDA Prezz u Purezza: kannabis inklużi weraq tal-kannabis, eroina, kokaina, il-kokaina crack, l-amfetamina, il-metamfetamina, l-ekstasi, l-LSD, sustanzi oħrajn u l-kompożizzjoni tal-pilloli tad-drogi)

9. Xejriet fin-numru ta' rapporti inizjali ta' reati kontra l-liġi dwar id-drogi, skont id-droga u t-tip ta' reat (provvista v. użu/pussess) (EMCDDA – Reati Marbutin mad-Drogi)

10. Prevalenza tal-użu tad-drogi fost il-priġunieri (EMCDDA – Konsum tad-Drogi fil-Ħabsijiet)

11. valutazzjoni tad-disponibbiltà, il-kopertura u l-kwalità tas-servizzi u l-interventi fl-oqsma tal-prevenzjoni, it-tnaqqis tad-dannu, l-integrazzjoni soċjali u t-trattament. (EMCDDA Rispons tas-Saħħa u Soċjali)

12. Interventi bbażati fuq l-evidenza rigward il-prevenzjoni, it-trattament, l-integrazzjoni soċjali u l-irkupru u l-impatt mistenni tagħhom fuq il-prevalenza tal-konsum tad-drogi u l-użu problematiku tad-drogi (Il-Portal tal-EMCDDA dwar l-Aħjar Prattiki)

13. Djalogu u kooperazzjoni b'saħħithom, fil-qasam relatat mad-drogi, ma' reġjuni oħrajn, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet oħrajn (Rapportar tas-SEAE)

14. Żviluppi fl-istrateġiji nazzjonali għall-ġlieda kontra d-drogi, l-evalwazzjonijiet, il-leġislazzjoni, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u l-estimi tal-infiq pubbliku fl-Istati Membri tal-UE (EMCDDA)

15. Sistema ta' Twissija Bikrija rigward sustanzi psikoattivi ġodda (EMCDDA/Europol) u Evalwazzjoni tar-Riskju ta' sustanzi psikoattivi ġodda

---

[1] Dawn l-indikaturi huma bbażati fuq sistemi ta' rapportar eżistenti li ġew qabel l-objettivi tal-istrateġija attwali tal-UE fuq id-drogi u l-pjan ta' azzjoni, iżda jipprovdu l-aktar sett komprensiv ta' riżorsi fil-livell tal-UE biex jappoġġjaw il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom

ANNESS II

Glossarju ta' akronimi

CCWP	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Doganali
CELAC	Comunidad de Estados Latinoamericanos y Caribeños (Komunità ta' Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew)
CEPOL	Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija
CND	Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (NU)
COAFR	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar l-Afrika
COASI	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja
COEST	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali
COHOM	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem
COLAC	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar l-Amerka Latina
COM	il-Kummissjoni Ewropea
CONUN	Kunsill tal-UE – Grupp ta' Ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti
COSCE	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa
COSI	Kunsill tal-UE - Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna
COTRA	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar ir-Relazzjonijiet Trans-Atlantiċi (il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka)
Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill	Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill
COTER	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Internazzjonali)
COWEB	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar ir-Reġjun tal-Balkani tal-Punent
CUG	Kunsill tal-UE - Grupp dwar l-Unjoni Doganali
DROIPEN	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Kriminali Sostantiv
ECDC	Ċentru Ewropew għall-Kontroll tal-Mard
SEAE	Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
EMA	Aġenzija Ewropea għall-Mediċini
EMCDDA	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga
EMPACT	Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali
ENFSI	Netwerk Ewropew tal-Istituti tax-Xjenza Forensika
ERA-net	Netwerk taż-Żona Ewropea tar-Riċerka
ERANID	Netwerk taż-Żona Ewropea ta' Riċerka dwar id-Drogi Illeċiti
ESPAD	Proġett Ewropew ta' Stħarriġ Skolastiku dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn
UE	Unjoni Ewropea
EUROJUST	Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja
EUROPOL	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi u t-Taħriġ
SOCTA tal-UE	valutazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Organizzata u l-Kriminalità Serja tal-UE
Frontex	L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

HBSC	Stħarriġ dwar l-Imġiba marbuta mas-Saħħa fi Tfal tal-Età tal-Iskola
HCV	Virus tal-Epatite Ċ
GOD	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi
HIV	Virus tal-immunodefiċjenza umana
HLWG	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-Asil u l-Migrazzjoni
INCB	Bord Internazzjonali għall-Kontroll ta' Sustanzi Narkotiċi (NU)
ĠAI	Ġustizzja u Affarijiet Interni
LGBTI	Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transġeneru/Transesswali u Intersesswali
LSD	Dietilammid tal-aċidu liserġiku
MAOC (N)	Iċ-Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi
MASPs	Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali (Europol)
MtQ	Memorandum ta' Qbil
Stati Membri	Stat Membri
SPĠ	Sustanzi psikoattivi ġodda
PEN	Sistema Online ta' Notifikazzjoni Qabel l-Esportazzjoni żviluppata mill-UNODC/INCB
PICS	Sistema ta' Komunikazzjoni dwar Inċidenti li Jinvolvu Prekursuri
PRES	Presidenza ta' Sitt Xhur tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Triju ta' PRES	Grupp ta' tliet Presidenzi ta' sitt xhur konsekuttivi tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Reitox	Réseau Européen d'Information sur les Drogues et les Toxicomanies
SOCTA	valutazzjoni tat-Theddid Gravi tal-Kriminalità Organizzata
TWP	Kunsill tal-UE - Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu
NU	Nazzjonijiet Uniti
UNAIDS	Programm Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-HIV/AIDS
UNGASS	Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti
UNODC	Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità
UNDP	Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti
WHO	Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (NU)